# BEATI U QADDISIN...APRIL

Beata Caterina Morigi di Pallanza

6 ta' April

Twieldet gewwa Pallanza (Novara) bejn is-sena 1437. Jidher li t-tendenza naturali taghha ghall-hajja ta' qdusija kienet svillupata mill-predikatur frangiskan Alberto da Sarteano. Infatti ftit wara is-sena 1450, Caterina nghaqdet ma' grupp ta' nisa twajba li kienu jghixu ta'



eremiti fil-grotti ta' Monte Sacro gewwa Varese, that il-gwida ta' l-arcipriet tas-santwarju marjan ta' dawk l-inhawi.

Wara xi zmien Caterina waqqfet grupp stabbli ta' eremiti maghmul minn hames persuni u fis-sena 1472 – 1473 bis- sahha tad-duka ta' Milan Galeazzo Marija Sforza, tablet lil Sistu IV il-permess biex tghaddi hajja ta' eremita, fost talb u penitenza, skont ir-regola ta' Santu Wistin u l-

kostituzzjoni ta' l-Ordni ta' Sant' Ambrogju gewwa Nemus u barra minn hekk tablet ukoll il-fakolta' biex titlob l-uffizzju divin skond l-ordni ambrosjan.

Fil-bolla ta' l-10 ta' Novembru 1474, il-papa ta l-permess tieghu li jitwaqqaf monasterju skond ix-xewqat ta' Caterina. Ufficjalment il-komunita' bdiet tghix il-hajja monastika fl-10 ta' Awissu 1476 meta s-sorijiet il-godda hadu l-voti u rcevew il-velu iswed bhal l-ordni tal-Klarissi. Imbaghad huma waslu biex ghazlu lil Caterina bhal l-ewwel superjura taghhom. Caterina zammet din il-kariga sa meta mietet jigifieri sas-6 ta' April tas-sena 1478. Warajha giet maghzula Bernardetta da Biumo, wahda mill-ewlenin kumpanji taghha li tatna l-biografija ta' Caterina.